MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 440/2010

**Maria Dolores Balzan**

**Vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Maria Dolores Balzan prezentat fir-registru ta'din il-Qorti nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Ottubru, 2010 fejn esponiet is-segwenti:

*"Illi l-esponenti giet interpellata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, permezz t'ittra ufficjali datata s-16 ta' Settembru 2010 (Dokument A) sabiex thallas is-somma ta' hames mija w wiehed u disghin Ewro u ghaxar centezmi (€591.10) rapprezentanti drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAU 929 dovuti mill-1 ta' Jannar 2003 sallum. Inoltre l-esponenti giet imwissija illi mill-1 ta' Ottubru 2009 bdiet*

*tiddekorri multa amministrattiva ta' zewg Ewro (€2) ghal kull gurnata li d-dritt ghal-licenzja riferita jibqa' mhux imhallas.*

*Illi l-esponenti ma kellha l-ebda htiega li tirrenova l-licenzja tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAU 929, fuq imsemmija, ghaliex l-istess vettura kienet giet "scrapped" fis-sena 1993.*

*L-esponenti ghalhekk titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi l-hlasijiet pretizi mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, skond l-ittra ufficjali li giet mibghuta kif inghad, mhumiex dovuti skond il-Ligi".*

Rat id-digriet taghha tat-28 t'Ottubru, 2010 fejn ordnat li r-rikors ikun notifikat lill-Awtorita' ntimata li jkollha hmistax-il gurnata biex twiegeb, u appuntatu ghas-smiegh ghas-7 ta' Dicembru, 2010.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta pprezentata fit-tnax (12) ta' Novembru, 2010, fejn esponiet is-segwenti:

*1. "Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti trid tipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnha fir-rikors taghha.*

*2. Fil-mertu jinghad li r-rikorrenti qed tammetti li l-vettura de quo giet scrapped u dan fis-sena 1993. Mill-file mizmum mill-Awtorita' ntimata, ma jirrizultax li r-rikorrenti nfurmat lill-istess Awtorita' ntimata b'dan il-fatt, kif lanqas ma tat l-avviz rikjest mil-Ligi, jew inkella pprezentat il-licenzja sabiex jitnizzel fuqha dan il-fatt. Ir-rikorrenti lanqas biss irritornat il-pjanci tal-vettura. Konsegwentement, galadarba hija ma kkonformatx ruhha mal-Ligi, issa ma tistax titlob il-protezzjoni ta' l-istess. Illi ghalhekk l-ammont rikjest huwa dovut.*

*Ghaldaqstant l-Awtorita' ntimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat li nhar is-sebgha (7) ta’ Frar, 2011 xehdet ir-rikorrenti **Maria Dolores Balzan** li ikkonfermat illi kienet is-sid tal-vettura LAU-929. Però ziedet li sussegwentement kienet skrappjatha. Mistoqsija meta skrappjatha tghid illi kien ilu zmien; jekk ma kinitx sejra zball fis-sena elfejn u tlieta (2003). Qalet li effettivament jista’ jkun ukoll li mhux fl-elfejn u tlieta (2003) kien, però d-data ezatt insietha. Ziedet li jista’ jkun effettivament kienet fis-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993).

Esebiet dokument mahrug minn *ELA Limited* li huma d-dealers in scrap, datat Awwissu elfejn u tlieta (2003) li l-Qorti mmarkat bhala dokument “Z” li jghid illi din il-vettura giet skrappjata fis-sebgha (7) ta’ Ottubru elfejn u tlieta (2003). Sussegwentement spjegat illi ħuha kien qala’ l-pjanci u rritornahom lil Transport Malta, fejn kienet hi stess li wasslitu w ratu diehel bil-pjanci u hareg minghajrhom.  Sfortunatament imbaghad ħuha marad b’kancer u miet.

Qalet li l-vettura originarjament kienet xtratha minghand dealer, effettivament minghand Charles Bianco, fuq hire-purchase agreement, pero’ l-pagamenti kienet lahqet ghamlet nofshom biss.  Tghid li wara li kienet xtrat il-karozza saret taf  li din il-karozza kienet wahda tal-kiri u ghalhekk kienet cemplet lil Bianco biex tghidlu li ma kinitx taf li kienet tal-kiri w dan qalilha li kienet  taf u kien ghalhekk li waqqfet il-pagamenti. Wara qalilha li kien lest jiehu l-karozza lura, izda kienet se titlef dak li kienet hallset, però hi ma riditx.  Insistiet pero’ li t-transfer, cioe’, l-iscrap, ghamlitha kif jirrizulta mid-dokument “Z”.

Xehed ukoll **Brian Farrugia** in rapprezentanza tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta fil-kariga tieghu ta’ legal officer, li qal li l-vettura *Opel Nova* LAU-929 hija registrata f’isem Maria Dolores Balzan u l-licenzja taghha skadiet f’Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u qatt ma giet renovata minn dakinhar ‘il hawn.

Qal li hu sema' lis-Sinjura Balzan tixhed li rritornat il-pjanci w spjega li biex huma setghu jaccettaw li l-vettura taghha tigi scrapped kellhom bzonn il-kunsens ta' Charles Bianco peress li l-vettura kienet inxtrat ghal hire-purchase agreement. Imbagħad kien ifisser li kien hemm Regulation 25.

Jghid li ccekkjaw ir-registru tal-iscrap, fejn jinqatghu l-pjanci u ma jirrizultax li hemm din il-vettura hekk registrata. Qal illi fis-sena elfejn u tlieta (2003) digà kellhom is-sistema komputerizzata u sostna illi kemm manwali kif ukoll fis-sistema tal-kompjuters ma jirrizultax li din il-vettura giet skreppjata mal-Awtorità ufficcjalment. Bil-fors, biex din il-vettura tigi scrapped kellna bzonn in-*no objection* ta' Charles Bianco – haga li ma kellniex.

Stqarr li bhala fatt seta' gara dak li qalet Maria Dolores Balzan, cioe' li halliet il-pjanci, però mhux suppost thallew. Zied li mill-file tieghu ma jirrizultalux li kienu baghtu xi komunikazzjoni lil Maria Dolores Balzan. U zied li lanqas m'huma obbligati li jaghmlu dan. Qal ukoll illi meta l-pjanci jigu ritornati dawn jinzlu f'registru kif ukoll fis-sistema komputerizzata u jigu mqattghin bicciet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, li ma jirrizultax li huma kontestati, jirrizulta li r-rikorrenti kienet xtrat il-vettura taghha minghand Charles Bianco permezz ta' *hire purchase agreement*, u wara certu zmien indunat li l-vettura li kienet xtrat kienet intuzat ghall-kiri qabel. Minhabba f'hekk hija hasset li kienet giet ingannata w ma komplietx thallas lil dan Charles Bianco. Gara pero' li fis-sena 1993 hija kienet skrappjat il-vettura taghha, kif jirrizulta mid-dokument esebit u mmarkat bhala dok Z esebit fl-atti.

Ir-rikorrenti stqarret li kienet hadet il-pjanci ghand l-Awtorita' qabel ma baghtet il-vettura ghall-i*scrap*.

Dwar dan l-Awtorita' ntimata ressqet bhala xhud lil Brian Farrugia bhala rapprezentant tal-istess Awtorita', li qal li seta' kien il-kaz li r-rikorrenti skrappjat il-vettura taghha kif

dokumentat fid-dokument Z, izda dan nonostante ma helsitx mill-obbligu taghha naxxenti mill-**Artikolu 26** tal-Kap 65, li tinforma lill-Awtorita' ntimata dwar dan. Jghid li huwa mprobabbli li effettivament ir-rikorrenti halliet il-pjanci taghha ghand l-Awtorita' w dan ghaliex il-vettura kienet inxtrat permezz ta' *Hire purchase agreement* u ghalhekk qabel ma jithallas il-kreditur, li f'dan il-kaz kien Charles Bianco, jew almenu jaghti n-*non objection* tieghu, il-vettura ma tkunx tista' tigi skrappjata.

Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li effettivament kien hemm dan in-*non objection* jew li kien hemm xi rinunzja da parti tieghu. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi nkartament fil-file tar-rikorrenti mizmum mill-Awtorita' li jindika li l-Awtorita' kienet giet infurmata b'dak li kienet bi hsiebha li taghmel l-istess rikorrenti.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Brian Farrugia li r-*registered owner* mal-Awtorita' tal-vettura LAU-929, tal-ghamla Opel Nova, ghadha tghajjat lir-rikorrenti odjerna w ghalhekk ir-responsabilita li l-Awtorita' tigi nfurmata b'ghemilha tibqa' taghha.

M'hemmx dubbju, kif gie deskritt fis-sentenza moghtija nhar il-11 ta' Novembru 1993 fl-ismijiet **Hadrian Busietta noe Vs Adrian Borg Cardona noe** li "*L-hekk imsejjah "hire purchase" specjalment f'kaz ta' bejgh ta' karozza huwa kkunsidrat mill-qrati taghna bhala kuntratt ta' bejgh "pactum riservati dominii".*

L-intimat jghid li stante li kien hemm ir-regolament 25 marbut mal-vettura in d'ezamina, l-vettura qatt ma setghet giet skrappjata ufficcjaliment. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Regina Auto Dealer Limited Vs Miller Distributors Limited et** deciza fit-30 ta' Mejju 2002 dwar l-import u tifsira tar-regolament 25. Jinghad li :-

*"Ir-regolament 25 tal-Motor Vehicles Regulations ma jiddeterminax il-proprjeta` tal-vettura stante li dan jigi*

*determinat mill-ftehim li jkun intlahaq bejn il-kontraenti.*

*L-iskop tar-regolament hu allura biex jassigura li f'kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli ghall-vettura registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tirrispondi skond il-ligi ghal dak li seta' jigri bl-uzu ta' l-istess vettura. Ir-registrazzjoni w il-licenzja tal-vettura jistghu jkunu elementi ta' prova biex jigi determinat min kien il-proprjetarju taghha pero` dak li hu verament determinanti huwa l-ftehim kontrattwali bejn il-kontraenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw tali ftehim. Fil-kaz taht ezami ma hux kontestat li l-ftehim kien wiehed ta' 'hire purchase' u huma r-regoli gjuridici applikabbli ghal dan il-kuntratt li kellhom jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet.*

*In natura intrinsika ta' hire purchase agreement jew inkella kif komunimament imsejjah f'termini legali 'pactum riservati dominii' hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oggett jittrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess ta' l-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjeta` ta' l-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oggett u l-proprjeta` tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat."*

Illi ghalkemm din il-vettura kienet koperta bir-Regolament 25, din il-vettura kienet fil-pusess tar-rikorrenti ghall-kirja specifika, b'dan pero' li Charles Bianco jibqa' validament konsidrat li hu sid il-vettura w ghalhekk zgur li l-kunsens tieghu kien ikun mehtieg qabel ma l-vettura tigi hekk skrappjata.

L-**Artikolu 26** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:-

"*Kull persuna imsemmija fuq il-licenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenza, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenza sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz*

*ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura."*

Il-Qorti ma thossx li r-rikorrenti effettivament kienet infurmat lill-Awtorita' dwar l-iskrappjar tal-vettura LAU 929, u ghalhekk hija ghadha responsabbli ghaliha w ghandha tinzamm responsabbli ghal tali nuqqas da parti taghha.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-**Artikolu 57 (1)** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

"*Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti*."

Hawnhekk jinghad li mix-xhieda ta' Brian Farrugia jirrizulta gha-sodisfazzjon tal-Qorti li effettivament ir-rikorrenti naqset li thallas il-licenzji tal-vettura LAU 929 mis-sena 1993 sas-sena 2003 kif imsemmi fl-istess ittra ufficcjali.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tichad it-talbiet kollha rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3626/10, tibqa' reza esekuttiva fil-konfront tar-rikorrenti odjerna ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3626/10 giet notifikata lir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------